kien imheġġeġ għall-istudju tal-Malti, baqa' jaħdem fuq is-sistema tal-kitba Maltija u, wara xi ħames snin ħareġ il-ktieb tiegħu, *Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija*, li fuqu bdew jinkitbu l-kotba ta' l-Iskola u l-kotba ta' l-aħjar kittieba tal-Malti.

Il-kotba ta'-qari li kiteb is-Sur Nin Muscat Fenech huma xi tmienja, biċċa oriġinali u oħrajn maqlubin mit-Taljan; fost dawn ta' min isemmi, ir-romanzi, "Giomaria Cassia" u "Giorg il-Bdot", u fost l-oriġinali, "Carolina", "Giacomin Ciantar" u l-"Conti Aragona". L-istil tiegħu kien popolari u mexxej ħafna. Barra mill-proża, kif semmejna, huwa kien ukoll jikteb versi, iktarx ħrejjef b'xi morali fl-aħħar. Dawn ukoll kienu jinqraw bil-qalb minn kull qarrej ta' "Il-Habbar" fejn kien jistampahom għall-ewwel darba.

Is-Sur Muscat Fenech kien ukoll kiteb xi drammi u farsi, li silifhom lil wieħed ħakien għadu ma stampax, meta huwa kien bib tiegħu fil-bidu tal-Gwerra l-Kbira ta' l-1914-18. Dawn kienu imgħarqu flimkien ma' dal-ħabib tiegħu li dak iż-żmien kien imbarkat fuq bastiment merkantili.

Is-Sur Nin Muscat Fenech kien iddekorat bit-titlu ta' Kavalier mill-Imperatur ta' l-Awstrja għall-ħila li wera fil-kariga tiegħu ta' Viċi-Konslu, iżda l-akbar ġieħ tiegħu kien ix-xogħol li kien ħadem għall-Malti li baqa' jgħożż sakemm għalaq għajnejh, u li fih kien isib l-hena u l-faraġ tiegħu. Miet fl-1910, wara li għax 56 sena.

---

## DIFFERIMENT TAL-GHOTI
## TAL-"PREMJU ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI"

Billi l-Fundatur tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi", li jingħata kull sena għal xi ħidma magħrufa dwar il-Malti, bi ħsiebu jbiddel id-data taċ-Ċerimonja tal-għoti tal-Premju, il-Kummissjoni inkarigata mill-għoti tal-Premju sa tagħti d-deċiżjoni tagħha iżjed 'il quddiem, meta fl-istess waqt tkun ukoll imħabbra d-data taċ-Ċerimonja.



## TINŻILX, JA XITA!

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Le, le tinżilx, ja xita!
Ħalli jgħidu l-bnedmin li int bla ħniena,
li int ukoll bla qalb!
Tinżilx f'dil-gżira tagħna:
ħallihom jgħidu li n-Natura kiefra
jekk ma tismax it-talb!
Għadda minn moħħ il-bniedem:
"Waslet ix-xitwa: jiem mis-sbieħ, bla xita,
art niexfa, kollha xemx.
Tassew, kollox inqaleb:
iġġennet in-Natura: għaddiet ix-xitwa
u qatra ilma m'hemmx!"
Ħallihom igħidu! Imġienen
huma l-bnedmin; huma bla qalb, bla ħniena
meta ma jisimgħux
il-għajta tan-Natura,
joħonqu l-karba u l-ewwel nifs tal-Ħajja:
u b'dana ma jistħux!
Le, le tinżilx, ja xita!
jew inżel bla ma tieqaf, inżel, inżel
u kaxkar mal-widien
il-għira u l-mibegħda,
u qaċċat il-moħqrija ħa jissaffa
mill-ħażen il-ħolqien!

---

## FRIEFET

*Ta'* Wallace Gulia

Friefet, xi ġmiel!
Qed jiżfnu kullimkien
Mal-medda tal-widien.

Jitbewsu qegħdin
Fuq fomm ir-ranċisa ferħanin;
Qabel jisbħu tal-ġlata l-jiem xitwin.
U tagħqad il-kesħa f'ġisimhom,
Ġwenħajhom titmermer bl-uġigħ,
U tieqaf il-fawra tal-ħajja,
Tinbidel f'tal-mewt il-mistrieħ